MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 596/2010

L-Avukat Dottor Joseph A. **SCHEMBRI** fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera *Montifer di Della Torre Franco & EC s.a.s.*

vs

**FIRSTIL MANUFACTURING CO LTD (**C – 18816)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta' Ġunju, 2010, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża bla smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) billi ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallsu *nomine* s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf erba' mija u erbgħa u disgħin euro u tmienja u

tletin ċenteżmi (€ 27,494.38) li tirrappreżenta l-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lilha; u (ċ) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu dik is-somma. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-21 ta' Ottubru, 2010 u tat-2 ta' Diċembru, 2010, li fihom l-attur *nomine* għarraf lill-Qorti li l-kumpannija mħarrka kienet ħallset is-somma mitluba fil-mori tal-kawża u l-kawża kellha tkun ċeduta wara li jitħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Frar, 2011, li matulu l-attur *nomine* tenna li l-mertu kien eżawrit, iżda ressaq kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpannija mħarrka dwar il-kap tal-ispejjeż;

Semgħet bil-ġurament lill-Marixxal Eugenio Mallia għall-finijiet tat-tieni *proviso* tal-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar ir-rifjut tal-kumpannija mħarrka li tilqa' n-notifika tal-atti tal-kawża;

Rat li meta waqt is-smigħ tat-22 ta' Frar, 2011, infetaħ il-kapitolu għas-subizzjoni mressaq mill-attur *nomine*, il-kumpannija mħarrka ma dehritx għal raġuni tajba biex tikkontestah u għalhekk l-istess kapitolu jitqies mistqarr għall-finijiet tal-artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2011, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat in-Nota ta' Ċessjoni mressqa fl-4 ta' Marzu, 2011, mill-attur *nomine* fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi, iżda li żammet sħiħa l-pretensjoni tiegħu dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel tliet talbiet** attriċi u dan fid-dawl tal-fatt li l-mertu huwa eżawrit;

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------